# KANNI - KANNIZZATI . . ?!

Ta' Pawlu Aquilina

Kannizzati...
Kannizzati...
Masġar shiħ ta' kannizzati
Fuq il-bjut,
Qatt ma jonfħu dawk għakieskom?
Qatt ma tarmu?
Qatt ma thaddru?
Qatt ma tilbsu ġmiel il-weraq
U troddulna
Ġewwa djarna
Fuq il-mejda
L-oħla benna tal-għanqud?

Kannizzati...
Kannizzati...
Għadam biss ta' kannizzati
Kif sraqtulna l-ġmiel ta' dari
Minn fuq bjutna!
Kemm il-qalb il-bieraħ sabet
Hena u faraġ
Taħt il-ħdura tar-rebbiegħa-
Timla tneffaħ dawk l-egħnieqed
Imqabbdin ma' sider ommhom
Li taf ruħha,
Li taf demmha
Lil din l-art li nafu b'ommna...

Kannizzati...
Kiesaħ silġ jew ġamra nar
Li sraqtulna ta' ġo l-għenba
L-oħla benna,
Tisquniex mibegħda u għira
Hemm u dmija,
Xorb l-imrar!
Għax jekk demmkom jisfa mħassar
Tagħna semm isir
Ukoll!



# META QALIL NINTLAQAT . . .

Ta' Wallace Ph. Gulia

Meta qalil nintlaqat, il-moħħ jibqagħli jhewden;
bl-għaliex, il-kif u l-x'waħda biex jifhem;
le jinsa, jaqta' għalih mil-lum għal għada,
sa ma jħoss li wasal

U meta jħoss li wasal, jieqaf u jistagħġeb:
kif dan il-moħħ — ftit tafal u sustanzi —
jara, jħobb u jħoss u jaf u jifhem
iqis u jkejjel.
U jbierek lis-Setgħat moħbija
Li tul miljuni snin stinkaw u tħabtu,
żiedu u naqqsu, għaġnu w tawh is-sura
u fl-aħħar "Tkellem!" qalu.
U tfantsu xħin raw li ma jridx joqgħod
għar-regli li nisslulu;
li minnu nnifsu ried il-ġid u l-hena
u lilhom ċaħad!

"O felix culpa!" Jista' jkun li sewwa qed nifhem fl-aħħar?
Li t-tuffieħ ta' Adam u ta'
Eva l-kliem melliesi

mhux ħlief tixbiha tal-umanità
wieqfa fuq tagħha, tiċħad 'l Alla tagħha,
lil min ħalaqha?

Għax jekk hu hekk, fejn il-paradoss
ta' dak li nstab u nkiteb?
Bil-maqlub, iwieżnu dawn lil xulxin
u jagħtu lil xulxin, tifsir u sura?

Għaliex tuffieħa?
billi min kiteb,
kiteb għal ġenerazzjoni mdallma,
temmen biss bil-ħrejjef,
għażel ħrafa tqabbel lid-dnub tal-umanità
ma' nuqqas li jifhem
sa l-ifqar ħmar!